



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2019
COM(2019) 321 final

2019/0148 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, rigward it-tressiq tal-proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispedijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fil-kuntest tat-13-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispedijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) b'rabta mat-tressiq ta' proposti għad-deċiżjonijiet tat-13-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet biex jiġu emendati l-appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispedijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS)

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispedijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi ("il-Ftehim") għandha l-għan li tikkonserva l-ispedijiet migratorji tal-art, tal-baħar u tal-ajru f'kull parti tal-firxa migratorja tagħhom. Il-Ftehim huwa trattat intergovernattiv, konkluż taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li jitratta l-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa u tal-habitats fuq skala globali. L-ispedijiet migratorji li jridu jiġu kkonservati huma elenkati fl-Appendiċijiet I (speċijiet fil-periklu li jinqerdu) u II (speċijiet li jkunu s-suġġetti ta' ftehimiet) tal-Ftehim. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet hija l-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Ftehim u għandha s-setgħat li tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-ispedijiet migratorji u, sussegwentement, li temenda l-Appendiċijiet I u II tal-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu XI tal-Ftehim, il-proposti għall-emendar jistgħu jsiru minn kwalunkwe Parti, u għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet preżenti u li jivvutaw.

It-tleltax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet se ssir f'Gandhinagar (l-Indja) mill-15 sat-22 ta' Frar 2020. F'konformità mal-Artikolu XI (3), is-Segretarjat tal-Ftehim stabbilixxa li l-iskadenza għat-tressiq tal-proposti għall-emendar se tkun id-19 ta' Settembru 2019. Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jieħu Deċiżjoni bil-fini li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-kuntest tat-tleltax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet rigward it-tressiq tal-proposti għall-emendar.

Qabel it-tleltax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, is-Segretarjat tal-Ftehim jista' jikkomunika proposti li jkunu saru minn Partijiet oħra sabiex jiġu emendati l-Appendiċijiet I u II tal-Ftehim, li jistgħu jirrikjedu Deċiżjoni ulterjuri biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni rigward daww il-proposti.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Għat-tleltax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, qed jiġi propost li l-Unjoni tressaq proposti sabiex temenda l-Appendiċi I tal-Ftehim biex iżżid il-protezzjoni ta' speċi wieħed ta' għasfur (*Tetrax tetrax*) u sabiex temenda l-Appendiċi II tal-Ftehim biex iżżid il-protezzjoni tal-istess speċi ta' għasfur (*Tetrax tetrax*) kif ukoll żewġ speċijiet ta' kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus* u *Sphyrna zygaena*), f'kull parti tal-firxa tad-distribuzzjoni tagħhom, inkluż barra mill-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi, ĠU L 210, 24.6.1982, p. 10.

Jekk jiġi adottat, l-att previst se jsir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu XI tal-Ftehim, li jipprevedi li emenda għall-Appendiċijiet tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha disgħin jum wara l-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li fiha tiġi adottata, għajr għal dawk il-Partijiet li jressqu riżerva.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-proposti tal-Unjoni biex jiġu emendati l-appendiċijiet huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin: (1) l-inklużjoni ta' dawn l-ispeċijiet hija xjentifikament soda; (2) din l-inklużjoni hija konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-UE; u (3) l-Unjoni hija impenjata fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità.

Il-proposta hija konsistenti mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali² u mal-istrategġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020³, speċjalment il-Mira 6: għajnuna biex tiġi evitata t-telfa tal-bijodiversità fuq livell dinji. Din il-proposta ma teħtieġ l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni, peress li tikkonċerna speċijiet li diġà jibbenefikaw minn protezzjoni xierqa skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Ghasafar⁴ u l-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE⁵.

Il-proposta ma toħloq l-ebda rekwiżit ġdid ta' monitoraġġ jew ta' rapportar. L-ippjanar u l-monitoraġġ kollu tal-implimentazzjoni jkun parti mill-attivitajiet regolari tal-ippjanar u tar-rappurtar skont il-Ftehim. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

Sar skambju informali ta' fehmiet preliminari mal-Istati Membri permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub tal-Istati Membri li huma membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Bijodiversità u għan-Natura (CGBN) u l-Grupp ta' Esperti dwar id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (NADEG).

Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni tkun li tawtorizza lill-Kummissjoni tressaq il-proposti msemmija hawn fuq lis-Segretarjat tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi Deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li

² Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 “Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna”, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171.

³ KUMM(2011) 244 finali “L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strategġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020”.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”⁶.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Konferenza tal-Partijiet hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS).

L-att li l-Konferenza tal-Partijiet qed tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma marbuta mal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1).

4.3. **Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, rigward it-tressiq tal-proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fil-kuntest tat-13-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (“il-Ftehim”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE⁷ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.
- (2) Skont l-Artikolu XI tal-Ftehim, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta emendi għall-Appendiċijiet I u II tal-Ftehim.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, waqt it-tlettax-il laqgħa tagħha mill-15 sat-22 ta' Frar 2020, tista' tadotta tali emendi. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni informa lill-Partijiet għall-Konvenzjoni li kwalunkwe proposta għall-emendar trid tiġi kkomunikata, b'konformità mal-Artikolu XI(3) tal-Ftehim, sad-19 ta' Settembru 2019. L-Unjoni tista', bħala Parti għall-Konvenzjoni, tressaq tali proposti.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni rigward it-tressiq ta' proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tal-Ftehim, peress li tali emendi se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) L-inklużjoni tal-ispeċi *Tetrax tetrax* fl-Appendiċi I tal-Ftehim u tal-ispeċijiet *Tetrax tetrax*, *Galeorhinus galeus* u *Sphyrna zygaena* fl-Appendiċi II tkun xjentifikament soda u konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ukoll mal-impenn tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tipproponi emendi b'dak l-effett.
- (6) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika dawk il-proposti lis-Segretarjat tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fid-dawl tat-tlettax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (“il-Ftehim”), il-

⁷

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi, (ĠU L 210, 24.6.1982, p. 10).

Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tressaq, f'isem l-Unjoni, proposta għall-emendi li ġejjin:

- (a) emenda għall-Appendiċi I tal-Ftehim biex jinkludi l-ispeċi *Tetrax tetrax*;
 - (b) emendi għall-Appendiċi II tal-Ftehim biex jinkludi l-ispeċijiet *Tetrax tetrax*, *Galeorhinus galeus* u *Sphyrna zygaena*.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-proposti msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President